A.L. 285 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI, (ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2003 dwar id-Dħul fir-Reġistri għal Majjali tar-Razza Mħallta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34(b) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar id-Dħul fir-Reġistri għal Majjali tar-Razza Mħallta.

(2) L-iskop ta' dan ir-regolament huwa l-implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea 89/505/EEC li jistabbilixxi l-kriterji li jirregolaw id-dħul fir-reġistri għal majjali mħallta għat-tagħamir, u li ssib bażi legali taħt l-artikolu 10(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 88/661/EEC.

Kundizzjonijiet mitluba għar-registrazjoni ta' majjali ta' razza mħalta

2. Sabiex jikwalifikaw għad-dħul fir-reġistru, il-majjali mħallta għat-tnissil għandhom:

(a) ikunu identifikati wara t-twelid skond ir-regoli ta' dak ir-reġistru;

(b) ikollhom l-arblu tar-razza stabbilit skond ir-regoli ta' dak ir-reġistru.